

Brussell, 4 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9752/1/25
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0159(NLE)

ECOFIN 653
UEM 189
EIB
ECB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

Nru dok. Cion:	COM(2025) 301 final/2
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Bulgarija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 301 final/2.

Mehmuż: COM(2025) 301 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2025
COM(2025) 301 final/2
DOWNGRADED ON 4.6.2025

2025/0159 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Bulgarija

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE). Il-proposta tindika li l-Bulgarija tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tadotta l-euro u li d-deroga tal-Bulgarija titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2026.

Fil-każ ta' deċiżjoni pożittiva, il-Kunsill sussegwentement ikollu jieħu l-miżuri l-oħra meħtieġa għall-introduzzjoni tal-euro fil-Bulgarija.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni tal-euro ⁽¹⁾ jirregola l-introduzzjoni inizjali tal-euro fl-Istati Membri li kienu fl-ewwel grupp taż-Żona tal-Euro u fil-Greċja ⁽²⁾. Dan ir-Regolament ġie emendat bi:

– Regolament (KE) Nru 2169/2005, biex iħejji għal tkabbir fil-ġejjieni taż-Żona tal-Euro

– Regolament (KE) Nru 1647/2006, biex ikopri lis-Slovenja (li adottat l-euro fl-1 ta' Jannar 2007)

– Regolament (KE) Nru 835/2007, biex ikopri lil Ċipru (li adotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2008)

– Regolament (KE) Nru 836/2007, biex ikopri lil Malta (li adottat l-euro fl-1 ta' Jannar 2008)

– Regolament (KE) Nru 693/2008, biex ikopri lis-Slovakkja (li adottat l-euro f'Jannar 2009).

– Regolament (UE) Nru 670/2010, biex ikopri lill-Estonja (li adottat l-euro f'Jannar 2011)

– Regolament (UE) Nru 678/2013, biex ikopri lil-Latvja (li adottat l-euro f'Jannar 2014).

– Regolament (UE) Nru 827/2014, biex ikopri lil-Litwanja (li adottat l-euro f'Jannar 2015).

– Regolament (UE) Nru 2022/1207, biex ikopri lill-Kroazja (li adottat l-euro f'Jannar 2023).

Biex il-Bulgarija tkun koperta wkoll mir-Regolament (KE) Nru 974/98, jeħtieġ li ma' dan ir-Regolament tiżdied referenza għal dan l-Istat Membru. Din il-proposta fiha l-emendi meħtieġa għal dak ir-Regolament.

Il-Pjan Nazzjonali tal-Bidla għall-Euro tal-Bulgarija jispeċifika li l-adozzjoni tal-euro bħala l-munita tal-Bulgarija għandha tikkoinċidi mal-introduzzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro fil-Bulgarija.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2596/2000 tas-27 ta' Novembru 2000 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni tal-euro (ĠU L 300, 29.11.2000, p. 2).

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Id-diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar l-isfidi tal-politika ekonomika fl-Istati Membri jsiru taħt diversi intestaturi b'mod regolari fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) u l-ECOFIN/Grupp tal-Euro. Dawn jinkludu diskussjonijiet informali dwar kwistjonijiet speċifikament rilevanti għat-tħejjija għad-dħul eventwali fiż-żona tal-euro (inklużi l-politiki tar-rati tal-kambju).

L-iżviluppi ekonomiċi fiż-żona tal-euro u fl-Istati Membri huma vvalutati permezz tad-diversi proċeduri ta' koordinazzjoni u sorveljanza tal-politika ekonomika (speċifikament skont l-Artikolu 121 tat-TFUE), u bħala parti mill-monitoraġġ u l-analiżi regolari tal-Kummissjoni tal-iżviluppi speċifiċi għall-pajjiż u għaż-żona kollha (inklużi previżjonijiet, serje ta' pubblikazzjonijiet regolari, u kontribut għall-KEF u l-ECOFIN/Grupp tal-Euro). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u mal-prattika tal-passat, ma hija meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt formali.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Bażi legali

Il-bażi legali għal din il-proposta hija l-Artikolu 140(3) tat-TFUE, li jippermetti l-adozzjoni tal-miżuri l-oħra meħtieġa għall-introduzzjoni tal-euro fi Stat Membru li d-deroga tiegħu tkun ġiet abrogata skont l-Artikolu 140(2) tat-TFUE.

Il-Kunsill jaġixxi bl-unanimità ta' daww l-Istati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom u tal-Istat Membru kkonċernat fuq proposta tal-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-BĊE.

3.2. Sussidjarjetà u proporzjonalità

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

Din l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv tagħha u, għalhekk, tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

3.3. Għażla tal-istrument legali

Regolament huwa l-istrument legali xieraq biex jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni tal-euro.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. KUMMENTARJU DWAR ARTIKOLI INDIVIDWALI

5.1. Artikolu 1

Skont l-Artikolu 1 lit. (a) u mal-Artikolu 1a tar-Regolament (KE) Nru 974/98, it-tabella fl-Anness għal dan ir-Regolament telenka l-Istati Membri li qed jipparteċipaw u tiddefinixxi d-data tal-adozzjoni tal-euro, id-data ta' bidla fil-flus kontanti, u l-perjodu "ta' eliminazzjoni gradwali", jekk ikun applikabbli, għal dawn l-Istati Membri kollha.

Skont l-Artikolu 1 (i) tar-Regolament (KE) Nru 974/98 il-perjodu ta' "eliminazzjoni gradwali" jista' japplika biss fl-Istati Membri fejn id-data tal-adozzjoni tal-euro u l-

bidla fil-flus kontanti jseħħu fl-istess jum. Dan ma kienx il-każ għall-ħdax-il Stat Membru li adottaw l-euro fl-1 ta' Jannar 1999, u lanqas għall-Greċja, li adottat l-euro fl-1 ta' Jannar 2001.

Id-dati għall-adozzjoni tal-euro u l-bidla tal-flus kontanti ħabtu fis-Slovenja, Ċipru, Malta, is-Slovakkja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Kroazja (l-1 ta' Jannar 2007 għas-Slovenja, l-1 ta' Jannar 2008 għal Ċipru u Malta, l-1 ta' Jannar 2009 għas-Slovakkja, l-1 ta' Jannar 2011 għall-Estonja, l-1 ta' Jannar 2014 għal-Latvja, l-1 ta' Jannar 2015 għal-Litwanja, l-1 ta' Jannar 2023 għall-Kroazja). Madankollu, dawn il-pajjiżi għażlu li ma jkollhomx perjodu ta' "tneħħija gradwali".

Il-pjan Nazzjonali tal-Bidla għall-Euro tal-Bulgarija jistabbilixxi wkoll l-istess data għall-adozzjoni tal-euro mill-pajjiż u l-bidla fil-flus kontanti (l-1 ta' Jannar 2026), u l-Bulgarija għażlet li ma jkollhiex perjodu ta' "tneħħija gradwali".

Dan l-Artikolu jżid lill-Bulgarija u d-data rilevanti li ġejja għal dan l-Istat Membru fit-tabella tal-Anness mar-Regolament (KE) Nru 974/98 fl-ordni tal-protokoll.

Stat Membru	Data għall-adozzjoni tal-euro	Data tal-bidla tal-flus kontanti	Stat Membru b'perijodu ta' "tneħħija gradwali"
"Il-Bulgarija	1 ta' Jannar 2026.	1 ta' Jannar 2026.	Nru"

5.2. Artikolu 2

Dan l-Artikolu jistabbilixxi d-data tal-1 ta' Jannar 2026 għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, filwaqt li jiżgura li jkun applikabbli f'konformità mat-twaqqit tal-atti l-oħra tal-Kunsill relatati mal-adozzjoni tal-euro mill-Bulgarija, jiġifieri l-istess data meta d-deroga tiġi abrogata u meta tidħol fis-seħħ ir-rata ta' konverżjoni għal-lev Bulgaru.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Bulgarija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 140(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 ⁽⁴⁾ jipprevedi s-sostituzzjoni tal-euro għall-muniti tal-Istati Membri li jkunu ssodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro fiż-żmien meta l-Komunità tkun daħlet fit-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja.
- (2) Skont l-Artikolu 5 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005, ⁽⁵⁾, il-Bulgarija tipparteċipa fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja mid-data tal-adeżjoni bħala Stat Membru b'deroga, fis-sens tal-Artikolu 139(1) tat-Trattat.
- (3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/... ⁽⁶⁾, Il-Bulgarija tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga fir-rigward tal-Bulgarija għandha titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2026.
- (4) L-introduzzjoni tal-euro fil-Bulgarija teħtieġ l-estensjoni għall-Bulgarija tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-introduzzjoni tal-euro li huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 974/98.
- (5) Il-Pjan Nazzjonali tal-Bulgarija għall-Bidla għall-Euro jispeċifika li l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro għandhom isiru valuta legali f'dak l-Istat Membru fil-jum tal-introduzzjoni tal-euro bħala l-munita tiegħu. Konsegwentement, id-data tal-introduzzjoni tal-euro u d-data tal-bidla tal-flus kontanti għandha tkun l-1 ta' Jannar 2026. Jenħtieġ li ma japplika l-ebda perjodu ta' "eliminazzjoni gradwali".
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 974/98 għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq,

⁽³⁾ Opinjoni ta' [...] [...] [...].

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1).

⁽⁵⁾ Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/... dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Bulgarija fl-1 ta' Jannar 2026.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 974/98, tiddaħħal l-entrata li ġejja bejn l-entrata għall-Belġju u l-entrata għall-Ġermanja:

“Il-Bulgarija	1 ta’ Jannar 2026.	1 ta’ Jannar 2026.	Nru”
---------------	--------------------	--------------------	------

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*